**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI FAMILJA**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors Ġuramentat numru 13/2017MV fl-ismijiet:**

**AB**

**vs**

**CD u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2019 ġie nominat l-Avukat Dottor Kevin Mompalao sabiex jirrappreżenta lill-intimat CD**

**Illum, il-14 ta' Diċembru 2020**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2017, fejn ir-rikorrenti AB esponiet bir-rispett u bil-ġurament tikkonferma;

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat iżżewġu fis-7 ta' Diċembru 2009 f'Venegono Superiore, l-Italja;

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom zewġt ulied minorenni, EF li twieldet fit-22 ta' Gunju 2011 f'Varese, l-Italja u GH li twieldet fl-20 ta' Novembru 2014 fir-Rabat, Għawdex (kopji taċ-ċertifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B) ;

3. Illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irremedjabilment u dan minħabba abbandun tal-intimat, li telaq mid-dar matrimonjali f'Jannar 2016 u qatt ma rritorna, filwaqt li telaq għal kollox minn Malta lejn l-Italja f'Ottubru 2016;

4. Illi r-rikorrenti hija esklussivament responsabbli għall-ulied minorenni filwaqt li l-intimat mhu qed iħallas ebda manteniment jew b'xi mod jikkontribwixxi għall-bzonnijiet tagħhom.

5. Illi r-rikorrenti ġiet debitament awtorizzata sabiex tipproċedi b'din il-kawża wara li l-Onorabbli Qorti għalqet il-proċess ta' medjazzjoni fid-9 ta' Mejju 2017 (Dok. C anness);

6. Illi hija taf dawn il-fatti personalment;

Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet AB u CD minħabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenut;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tgħix separatament minn ma' żewġha l-intimat;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minorenni EF u GH f'idejn l-attriċi rikorrenti;

4. Tiffissa l-ammont ta' manteniment li għandu jitħallas mill-konvenut għall-minuri EF u GH, filwaqt li tordna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-attriċi nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni inkorsi minnha għall-minuri.

5. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti u l-penalitajiet stabbiliti fl-artikolu 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

7. Tillikwida l-oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, okkorendo b`opera ta` periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f`'żewġ porzjonijiet applikando kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati mill-liġi u tassenja waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut;

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-4 ta' Diċembru 2018, fejn ir-rikorrenti talbet il-ħatra tal-kuraturi deputati sabiex jirrappreżenta lill-intimat fil-proċeduri.

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar 2019, fejn Dr. Kevin Mompalao ġie maħtur bhala kuratur deputat tal-intimat CD.

Fis-seduta tas-06 ta' Jannar 2020; Dr. Denise Pace għall-kuratur Dr. Kevin Mompalao informat lill-Qorti illi Dr.Kevin Mompalao iddikjara

li mhux edotti mill-fatti u m'għandu l-ebda informazzjoni dwar fejn jinstab l-istess CD u għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jagħmel komunikazzjoni miegħu. Il-Qorti għalhekk iddikjarat l-istadju tal-provi tal-konvenut magħluq.

Rat illi l-Qorti kkonċediet terminu lill-attriċi sal-aħħar ta' Frar 2020 sabiex tippreżenta nota tas-sottomissjoniet tagħha u l-istess nota tiġi notifikata lill-Dr. Kevin Mompalao li jkollu zmien xahar għan-nota responsiva tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:-

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-4 ta' Diċembru 2018, fejn ir-rikorrenti talbet il-ħatra tal-kuraturi deputati sabiex jirrappreżenta lill-intimat fil-proċeduri.

Rat id-digriet tat-12 ta' Jannar 2019, fejn Dr. Kevin Mompalao ġie maħtur bhala kuratur deputat tal-intimat CD.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dr. Kevin Mompalao tal-ħmistax (15) ta' Frar tal-elfejn u dsatax (2019) li b'digriet datat tnax (12) ta' Frar tal-elfejn u dsatax (2019) ġie nominat kuratur deputat tal-assenti l-imsemmi CD, fejn fiha espona illi l-intimat CD qed jgħix fl-Unjoni Ewropea u li l-proċedura odjerna ma hijiex dik appożita, izda dan għandu jiġi notifikat fl-indirizz tiegħu hu personalment u mhux tramite kuratur deputat, u f'liema risposta eċċepixxa:

1. Illi huwa ma huwiex dedott mill-fatti li taw lok għal din il-kawża w f'dan l-istadju sakemm ma jkollux informazzjoni ġdida qiegħed jirrimetti ruħu għal provi miġbura quddiem din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe każ għandom jittieħdu dawk id-deċizjonijiet li jkunu fl-aħjar interess tal-minuri.

Rat illi fis-seduta tas-06 ta' Jannar 2020, Dr. Denise Pace għall-kuratur Dr. Kevin Mompalao informat lill-Qorti illi Dr. Kevin Mompalao iddikjara li mhux edotti mill-fatti u m'għandu l-ebda informazzjoni dwar fejn jinstab l-istess CD u għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jagħmel komunikazzjoni miegħu. Il-Qorti għalhekk iddikjarat l-istadju tal-provi tal-konvenut magħluq.

Rat illi l-Qorti kkonċediet terminu lill-attriċi sal-aħħar ta' Frar 2020 sabiex tippreżenta nota tas-sottomissjonijiet tagħħa u l-istess nota tiġi notifikata lill-Dr. Kevin Mompalao li jkollu zmien xahar għan-nota responsiva tiegħu.

Rat illi ma ġiet preżentata l-ebda nota responsiva mill-kuratur deputat;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti diversament preseduta awtoriżżat il-proċediment bil-kawża tas-separazzjoni (Dok C).

Illi l-attriċi ppruvat diversi drabi sabiex jiġi notifikat l-konvenut u dan a tenur ta l-Art 1 tar-regolament 1393/2007.

Illi sussegwentement peress li-n-notifika baqgħet fin-negattiv inħareġ avviż għal bandu ta' kuraturi f'zewġ gazetti lokali (a fol 116-119).

Illi peress li hadd ma aċċetta l-bandu din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta innominat lil Dr. Kevin Mompalao sabiex jirrappreżenta lill-intimat.

Għaldaqstant il-kwistjoni tan-notifika ġiet sorvolata hekk kif provdut fl-Art.1 (2) tar-Regolament 1393/2007.

**PRINĊIPJI LEGALI**

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-intimat huwa unikament responsabbli għat-tifrik taz-zwieġ tal-partijiet u dan minħabba abbandun, adulterju, sevizzi, eċessi u inġurji gravi. Il-Qorti se tgħaddi biex teżamina l-kawżali ta' l-abbandun, bhala l-kawżali applikabbli għal dan il-każ.

**Abbandun**

L-artikolu 41 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Il-Qorti tagħmel referenża ghas-sentenza fl-ismijiet: ***Giuseppa Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Novembru 1964***:

> "*L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wieħed jew waħda mill-konjuġi, illi jgħix apparti mill-konjuġi l-oħra jew l-ieħor, skond il-każ, minnġħajr raġuni tajba*."

Illi għalhekk sabiex tirnexxi din il-kawżali jridu jirriżultaw zewġ elementi, u ċioe;

(1) li jkun hemm perjodu ta' sentejn u
(2) li jkun mingħajr raġuni tajba. L-apprezzament dwar iċ-ċirkostanzi li jikkostitwixxu raġuni tajba, sabiex il-konjuġi jallontana ruħhu mid-dar matrimonjali, hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant.

Illi fil-każ in eżami l-konvenut ma ġab l-ebda prova sabiex jagħti xi raġuni għall-abbandun tiegħu u għalhekk il-Qorti ma tistax tidħol fl-eżami dwar jekk tali raġuni hiex tajba jew le, ai termini tal-liġi.

Fl-assenża ta' kwalunkwe raġuni din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attriċi ghandha tiġi milqugħa.

**DWAR IL-KURA U L-KUSTODJA U L-MANTENIMENT**

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli,** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP* intqal:

> "*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu.*
>
> *Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom*

*ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.*"

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**, **Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858*** il-Qorti kienet qalet illi:

"*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti del vantaggio di tali figli.*"

Illi ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet ***John Cutajar vs Amelia Cutajar et, u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956***, illi:

"*apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut…*"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula:

> *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*

L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi:

> *"Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad johroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> *"(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih. (2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' ohra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa. (3). Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu*

*obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust. (4). Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent. (5). Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċċju taħt trust.".*

**DEĊIDE**

Għaldaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunżja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba abbandun kommess mill-konvenut, u għall-finijiet tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data ta' Jannar 2016 bhala d-data meta l-intimat rrenda ruħu hati tal-firda; u

2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament mill-intimat; u

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna illi l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri EF u GH tkun f'idejn ir-rikorrenti; u

4. Tilqa' r-raba talba u tordna l-manteniment għaż-żewġ minuri EF u GH b'rata mensili ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar għal kull wild u nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni ta' kull xahar inkorsi mill-attriċi għall-minuri; u

5. Tilqa' l-ħames talba u tapplika kontra l-intimat in toto d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 u 51 tal-Kodici Civili; u

6. Tilqa' s-sitt talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna illi l-kontijiet bankarji eżistenti jiġu assenjati lil dik il-parti f'isem min ikun intestat u tordna wkoll illi kull parti ghandha tkun responsabbli għal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-każ illi jkollha tagħmel tajjeb għal xi dejn intestat lil parti l-oħra, filwaqt illi tiddikjara illi kwalunwke proprjeta, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, mixtrija wara l-01 ta' Jannar 2016, tappartjeni unikament lir-rikorrenti in vista tal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 kontra l-intimat; u

7. Tawtorizża lir-rikorrenti sabiex tirreġistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura kontra l-konvenut.

(ft.) Dr.Monica Vella
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur